# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 858/2015 PM1**

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Nader Tawerghi ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* u ai termini tal-Ligi u l-istess Nader Tawerghi (K.I. 349278(M))**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Zejtun in rapprezentanza tal-istess Kunsill u b'digriet tat-Tribunal datat hamsa (5) ta' Frar, 2016 giet ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Malta Industrial Parks Limited u b'digriet tat-Tribunal datat 28 t'April, 2016 giet ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Transport Malta.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 t'Ottubru, 2015 illi permezz tieghu ir-rikorrenti talbu illi, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-Kunsill Lokali intimat jigi kkundannat ihallas lill-istess rikorrenti is-somma ta' elf mitejn u wiehed u sebghin euro u seba' centezmi (€1271.07) rapprezentanti l-indennizz illi s-socjeta' attrici ghamlet favur l-assigurat taghha l-attur Nader Tawerghi ai termini tal-polza relattiva dan wara incident li fih kienet involuta il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBP163 assigurata mal-istess socjeta' attrici u proprjeta' tal-attur Tawerghi meta din kienet qed tinstaq gewwa Triq Hal-Tarxien, Zejtun fejn il-vettura tal-attur saqet fuq hofra imdaqqsa gewwa l-istess triq, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datat 26 ta' Marzu, 2015 u dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju, 2015 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Zejtun li kkontesta l-pretensjoni tal-attur stante illi t-tappiera tad-drenagg in kwistjoni mhux responsabilita' tal-Kunsill u li l-lok li ssemma' huwa Bulebel Industrial Estate fejn il-manutenzjoni tat-toroq mhux responsabilita' tal-Kunsill, bl-ispejjez.

Ra l-affidavit ta' Simon Paris bid-dokumenti annessi mressaq mis-socjeta' attrici (a fol. 9 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Nader Tawerghi, Walter Vella, Nicholas Baldacchino moghtija fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2016 (fol. 25 et. seq. tal-process).

Ra illi b'digriet datat 5 ta' Frar, 2016 it-Tribunal laqa' t-talba ghal-kjamat fil-kawza tas-socjeta' Malta Industrial Parks Limited.

Sema' x-xhieda ta' PS 1602 Marco Mifsud (fol. 59 tal-process).

Ra l-affidavit ta' Nader Tawerghi ezebit a fol. 60 et. seq. tal-process.

Ra r-risposta ta' Malta Industrial Parks Limited permezz ta' liema gie eccepit illi l-istess socjeta' m'hijiex il-legittimu kuntradittur u giet imharrka inutilment stante li l-post fejn sehh l-incident ma jaqax that ir-responsabilita' taghha kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza, li s-socjeta' attrici trid tipprova s-surroga taghha, illi l-istess Malta Industrial Parks m'hija b'ebda mod responsabbli ghall-incident u d-danni sofferti mill-attur, illi l-ammont mitlub huwa ezagerat u li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' Nader Tawerghi u Damian Whitehead moghtija fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2016 (fol. 87 et. seq. tal-process).

Sema x-xhieda ta' Herman Borg moghtija fis-seduta tat-13 t'April, 2016 (fol. 97 et. seq. tal-process).

Ra li b'digriet datat 28 t'April, 2016 it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza ta' Transport Malta.

Sema' x-xhieda tas-Sindku tal-Kunsill Lokali Zejtun moghtija fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2016 (a fol. 109 et. seq. tal-process).

Ra r-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema gie eccepit illi l-lokalita' fejn sehh l-incident ma jaqx that ir-responsabilita' tal-istess Awtorita' intimate u ghaldaqstant it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu diretti fil-konfront taghh, bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2016 (a fol. 119 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Pio Farrugia moghtija fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2016 (a fol. 133 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Anton Falzon moghtija fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016 (a fol. 146 et. seq. tal-process).

Sema' s-sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi ulterjuri kollha imressqa u wkoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi huwa car li l-pern tal-kwistjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal huwa proprju liema mill-entitajiet intimati f'dawn il-proceduri huma responsabbli ghat-triq illi fiha sehh l-incident ossija ghal dik il-parti ta' Triq Hal-Tarxien, Zejtun indikata mix-xhud Nader Tawerghi.

Illi f'dan ir-rigward tressqu diversi provi min-naha tal-partijiet kollha madanakollu huwa car li lilhinn minn dak li parti jew ohra tista' tahseb dwar ir-responsabilita' taghha fir-rigward ta' tali Triq, dak li effettivment jghodd huwa dak li jinsab espressament provdut mil-ligi stess.

Illi f'tali rigward xehed estensivament l-attur Nader Tawerghi li indika bl-aktar mod car il-punt illi fih sehh l-incident kawzat minn hofra u tappiera fi triq. F'dan ir-rigward ir-ritratt immarkat Dok. NT20 (a fol. 94 tal-process) jindika bl-aktar mod car l-kundizzjoni hazina ta' dik il-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident, partikolarment meta mqabbla mal-bqija tat-triq 'il gewwa mil-linja indikata fuq l-istess ritratt minn Daniel Whitehead bhala l-linja ta' konfini fit-triq ghar-responsabilita' ta' Malta Industrial Parks Limited. Effettivament l-incident sehh proprju f'dik il-parti tat-triq lilhinn minn tali linja ta' demarkazzjoni. Ma tressqet ebda eccezzjoni jew prova da parti tal-Kunsill Lokali intimat jew tal-kjamati fil-kawza li s-sewwieq Tawerghi b'xi mod jahti ghall-hsara sofferta minnu u l-provi prodotti huma kollha univoci filli jindikaw li l-incident sehh proprju bhala konsegwenza tal-istat hazin illi fih kienet tinsab it-triq. Perdipiu' l-incident sehh meta x-xita kienet tghatti proprju il-hofor li kien hemm fit-triq u t-tappiera msemmija fix-xhieda ta' Tawerghi. Anke d-difiza fil-mertu imressqa kemm mill-Kunsill intimat u kif ukoll mill-kjamati fil-kawza ticcentra proprju fuq liema mill-partijiet huma responsabbli ghal dik il-parti tat-triq illi fiha, skont l-istess Tawerghi, sehh l-incident mertu tal-kawza.

Illi tenut kont tas-surreferit, kif inghad hawn fuq, lilhinn mill-hsieb tal-partijiet, ir-responsabilita' ghall-kundizzjoni tat-triq hija biss dik illi tirrizulta inekwivokabilment mil-ligi.

Illi f'tali rigward, mill-assjem tal-provi prodotti, it-Tribunal jista' kjarament jaghmel is-segwenti kostatazzjonijiet:

A. Ir-responsabilita' tal-kjamata fil-kawza Transport Malta hija limitata ghal toroq arterjali u distributorji filwaqt li Malta Industrial Parks hija responsabbli ghaz-Zoni Industrijali assenjati lilha mill-Kummissarju tal-Artijiet. F'tali rigward l-art. 33(2) tal-**Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi espressament li:

   *Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali , stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

   Jidher li r-Raba' Skeda tinkludi fiha l-Qasam Industrijali ta' Bulebel fil-limiti taz-Zejtun ghalkemm tali Skeda ma tinkludix il-konfini partikolari ta' tali Zona ai fini tal-ligi.

B. Apparti li jirrizulta car u jinsab inkontestat illi l-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident m'hija la triq arterjali u lanqas distributorja, dan jinsab ampjament konfermat ukoll mid-dokument ufficjali mahrug minn Transport Malta u ezebit a fol. 121 et. seq. tal-process minn fejn jirrizulta car li Triq Hal-Tarxien m'hijiex wahda minn dawk it-toroq li taqa' skont il-ligi taht il-kompetenza ta' Transport Malta. Ghaldaqstant huwa car li in linea ma' dan id-dokument ufficjali kif ukoll skont ma jinsab espressament provdut taht l-art. 33(2) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta il-kjamata fil-kawza Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma tistax tigi meqjusa responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

C. Illi mis-surreferit jikkonsegwi li r-responsabilita' ghal dik il-parti tat-triq li fiha sehh l-incident taqa' fuq il-Kunsill Lokali relevanti ossija l-Kunsill Lokali intimat salv jekk jirrizulta li l-incident sehh fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel fil-limiti taz-Zejtun fejn ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali intimat tinsab eskluza permezz tar-Raba' Skeda surreferita. F'tali rigward, ukoll skont il-ligi, ir-responsabilita' ta' Malta Industrial Parks tinsab determinata mil-legislazzjoni sussidarja li, bis-sahha taghha, il-Kummissarju tal-Artijiet ikun trasferixxa z-zoni relattivi lill-istess Malta Industrial Parks Limited inkluz ukoll ir-responsabilita' konsegwenti ghal tali trasferiment. Huwa wkoll f'dan ir-rigward li jidher li jezisti malintiz bejn il-partijiet tant illi d-dokument ezebit a fol. 48 u 51 tal-process jindika zona hadra bhala dik illi, allegatament, taqa' taht il-kompetenza tal-imsemmija Malta Industrial Parks Limited in kwantu Zona Industrijali ta' Bulebel. Min-naha l-ohra il-pjanta ezebita fol. 96 u mharuga ufficjalment mill-istess Malta Industrial Parks tidher illi teskludi dik il-parti tat-triq li fiha sehh l-incident miz-Zona Industrijali ta' Bulebel.

D. Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal ghandu tabilfors jisrieh fuq l-ahjar prova prodotta sabiex jiddetermina l-estensjoni taz-Zona Industrijali ai fini ta' dan il-kaz u certament illi f'tali rigward l-ahjar prova prodotta tirrizulta **miz-zona effettivament trasferita mill-Kummissarju tal-Artijiet lil Malta Industrial Parks Limited permezz tal-Avvizi Legali relattivi skont il-ligi.** F'tali rigward xehed kjarament Damian Whitehead li prezenta wkoll l-Avvizi Legali relattivi, senjatament **Avviz Legali 73 tal-1992** u l-**Avviz Legali 87 tal-2010**, it-tnejn inkluzi fi hdan l-**Ordni dwar it-Trasferiment ta' Drititjiet u Responsabilitajiet tal-Kummissarju tal-Artijiet (Legislazzjoni Sussidarja 169.01)**. L-istess xhud ezebixxa wkoll il-pjanti li jiddelinjaw bl-ahmar il-konfini taz-zoni li gew trasferiti lil Malta Industrial Parks Limited (Avviz Legali 87 tal-2010) gja' Malta Development Corporation (Avviz Legali 73 tal-1992) proprju ai fini tal-ligi. Minn

tali pjanti ezebiti rispettivament a fol. 101 (pjanta 8/92/3 ai fini tal-A.L. 87 tal-2010) u fol. 103 (pjanta 8/92 ai fini tal-A.L. 73 tal-1992) tal-process jirrizulta **minghajr ebda ombra ta' dubbju illi l-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident ma gietx effettivament trasferita mill-Kummissarju tal-Artijiet lil dik li llum hija s-socjeta' Malta Industrial Parks Limited**. Dan ghaliex il-konfini indikati bl-ahmar fuq l–istess pjanti jindikaw li dik il-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident taqa' proprju oltre l-linja hamra imsemmija u li, bejn wiehed u iehor, taqbel proprju mal-linja ta' konfini indikata mill-istess Daniel Whitehead fix-xhieda tieghu fuq ir-ritratt a fol. 94 tal-process. Ghalkemm iz-zewg pjanti ezebiti a fol. 101 u 103 rispettivament jiddelinejaw zoni kontigwi, dan huwa car b'mod partikulari mill-pjanta ezebita a fol. 101 tal-process fejn Triq Hal-Tarxien tidher diviza proprju mil-linja l-hamra.

E. F'tali rigward xehed ukoll Herman Borg in rappresentenza tal-Lands li "(m)*istoqsi in kontro-ezami jekk jiena t-Triq Hal-Tarxien jekk hiex qieghda fiz-zona nghid li dik qieghda barra u din ma tkunx ghaddiet mal-blokka li jkunu (sic) ghaddejna lill-MIP*." Dan huwa wkoll in linea mal-bqija tax-xhieda tal-istess Herman Borg li jikkonferma li l-Kummissarju tal-Artijiet ikun ghadda lill-Malta Industrial Parks Limited iz-zona ossija blokka li fiha jigu kostruwiti l-fabbriki u t-toroq li jkun hemm gewwa fi hdan iz-Zona Industrijali "*u mhux l-art ta' barra*", dan fuq mistoqsija diretta tat-Tribunal.

F. Illi in vista tas-surreferit u wkoll tal-fatt li ma ngabet ebda prova li b'xi mod tikkontradici l-kontenut tal-pjanti surreferiti, it-Tribunal ihoss illi m'ghandux jistrieh fuq il-pjanti ezebiti a fol. 48 u 51 tal-process u li semplicement jindikaw bl-ahdar iz-Zona Industrijali ta' Bulebel b'mod generiku imma bensi' proprju fuq il-pjanti ferm aktar dettaljati u estensivi ezebiti mill-imsemmi Whitehead u mahrugin b'mod ufficjali mill-Kummissarju tal-Artijiet proprju ai fini tat-trasferimenti effetwati tramite z-zewg Avvizi Legali imsemmija.

Illi ghandu jigi ritenut ukoll relevanti l-fatt illi riskontrati b'tali pjanti ufficjali il-Kunsill Lokali intimat ma ttentax jattaka il-validita' ta' din il-prova imma min-naha l-ohra sahansitra biddel id-difiza tieghu f'dan l-istadju billi prova jargumenta illi, stante li l-incident sehh, almenu in parti, bhala konsegwenza ta' tappiera fl-art, ir-responsabilita' ghall-istess ghandha tigi akkollata lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Madanakollu l-istess Kunsill Lokali qatt ma talab is-sejha fil-kawza tal-imsemmija Korporazzjoni f'dawn il-proceduri meta seta' jaghmel dan u huwa car li tali allegazzjoni kontenuta fix-xhieda ta' Anton Falzon, oltre li tikkontradici l-istess eccezzjoni imressqa mill-istess Kunsill intimat fejn gie dikjarat li r-responsabilta' ma' taqax fuqu limitatament ghax l-incident sehh f'Bulebel Industrial Estate, kienet biss tentattiv ahhari da parti tal-Kunsill intimat sabiex jipprova jehles mir-responsabilita' ghal dik il-parti tat-triq li fiha sehh l-incident u li effettivament, skont il-ligi u skont id-dokumenti ufficjali ezebiti in atti, taqa' esklussivament fuqu.

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub dan, flimkien mas-surroga relattiva salv l-'*excess*' jinsab ampjament pruvat mid-dokumentazzjoni ezebita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Simon Paris (fol. 17 et. seq. tal-process).

Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talbiet tal-atturi, jichad l-eccezzjonijiet imressqin mill-Kunsill Lokali intimat u jikkundannah ihallas is-somma mitluba in kwantu esklussivament responsabbli ghal dik il-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jilqa' l-ewwel, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet ta' Malta Industrial Parks Limited filwaqt li jichad it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet imressqin mill-istess Malta Industrial Parks Limited, jilqa' wkoll l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, jichad l-

eccezzjonijiet kollha imressqin mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Zejtun in rapprezentenza tal-istess Kunsill, jilqa it-talbiet kollha attrici billi jiddikjara lill-Kunsill Lokali Zejtun esklussivament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' elf, mitejn u wiehed u sebghin euro u seba' centezmi (€1271.07) bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura u kif ukoll tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 29 ta' Mejju, 2015 bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra l-istess Kunsill Lokali intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**